# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn ghaxra (10) taʼ Dicembru 2018**

**Rikors Numru 47/16 FDP**

**Dr Ann Fenech**
**(ID 28763M)**

**vs**

**Onor Dr Joseph Muscat u l-Perit Daniel Micallef fil-kwalita' taghhom ta' Mexxej u President tal-Partit Laburista, ghan-nom u in rappresentanta tal-Partit Laburista**

Il-Qorti:-

**1. Premessi**

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-4 ta' Marzu 2016 fejn ir-rikorrenti talbet is-segwenti:

   *1. Prevja d-dikjarazzjoni li l-istqarrija tal-Partit Laburista datata 3 ta' Marzu 2016 (Dok A) hija libelluza fil-konfront taghha billi tikkontjeni allegazzjonijiet foloz li ghandhom bhala skop li jtellfu jew jew inaqqsu r-reputazzjoni taghha; u*

   *2. jhallsu lill-intimati dik is-somma li tistabilixxi din il-qorti bhala danni morali a tenur tal-Art. 28 tal-Kap 28 (Ligi dwar l-Istampa)*

2. Rat l-Istqarrija indikata bhala "*Mahruga mill-Ufficcju Komunikazzjoni tal-Partit Laburista*" nhar il-Hamis 3 ta' Marzu 2017, li kienet tghid is-segwenti:

   ***Ann Fenech hadet b'€1miljun f'konsulenzi imma unfair li tikkritikaha***

*Filwaqt li llum f'konferenza tal-Ahbarijiet kompliet tissokta l-kampanja qarrieqa ta' Simon Busuttil, minghajr ma jirrepetu dak li ntqal fil-Parlament taht il-privilegg Parlamentari, ghax jibżghu, Ann Fenech, li ndirizzat din il-konferenza, qalet li hija unfair li tkun ikkritikatha minkeja li hadet b'1miliun f'konsulenzi taht il-Gvern l-iehor.*(sottolinjar tar-rikorrenti)

*Fenech qalet ukoll li l-kuntratti hadithom b'meritokrazija u dawn huma gustifikati, ghax hadithom hi. Qalet ukoll li dan il-Gvern jimxi b' meritokrazija ghax ghadha tiehu xoghol. Dan meta l-istess Fenech kienet tghid li dan il-Gvern ma jimxix b' mertu. L-istess Ann Fenech, li wkoll ikkritikat lill-Gvern fug il-programm ta' Cittadinanza b'investiment, illum qalet li qed tahdem f'dan il-programm ukoll.* (sottolinjar tar-rikorrenti)

*Mela issa Fenech trid tiddeciedi biex se tghajjar lil dan il-Gvern.*

*Interessanti wkoll li Ann Fenech qalet li kieku hi, tiftag (sic), kif diga' jidher li ghamlet, kumpaniji fil-Panama ghal klijenti taghha.* (sottolinjar tar-rikorrenti)

*Izda jekk ikun hemm hi nvolua (sic), ma hemm xejn hazin.*

***Ufficcju Komunikazzjoni***

***Partit Laburista***

3. Rat ir-risposta ta' l-intimati ppresentat fit 22 ta' April 2016, fejn laqghu ghal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difizi:

   1. *Preliminarjament il-konvenut Partit Laburista la huwa awtur u lanqas editur tal-istqarrija imsemmija u ghalhekk l-artikolu 23(a) u (b) tal-1-Att dwar l-Istampa (Kap 248) ma japplikawx.*

   *F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit:*

   2. *It-talbiet tal-attrrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispeijiez kontra taghha.*

   3. *Il-pubblikazzjoni msemmija mill-attrici m'hijiex libelluza fil-konfront taghha.*

   4. *Il-fatti msemmija fil-pubblikazzjoni kjarament jikkonsistu fi kritika politika ta' persunagg politiku, fi kwistjoni fid-dominju pubbliku, accettabbli fsocjeta demokratika, kemm taht il-ligijiet ta' l-istampa kif ukoll taht il-Kostituzzjoni u taht il- Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. L-istqarrija kjarament qed tikkritika lill-attrici politikament fuq kwistjonijiet imsemmija minnha wkoll. L-attrici kellha kull dritt ma taqbilx mal-kummenti u l-kritika fl- istqarrija, u kellha wkoll rimedji altarnattivi mhux restrittivi tal-liberta' tal-esprezzjoni, biex tikkontradici jew tispiega l-fatti li ma taqbilx maghhom u li twassal il-messagg taghha.*

   5. *In kwantu l-pubblikazzjoni tikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabli f'socjeta' demokratika taht il-Kostituzzjoni u*

*taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.*

4. Rat illi fl-14 ta' Novembru 2016 il-partijiet qablu illi l-provi migbura f'din il-kawza japplikaw ukoll ghall-kawza fl-istess ismijiet, izda dwar Stqarrija ohra illi saret, din id-darba, fis 6 ta' Marzu 2016.

## 2. Provi

1. Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti **Dr Ann Fenech** moghtija fl-14 ta' Novembru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppresentata ikluz, fost affarjiet ohra, il-video recording tal-Press Conference illi dwaru inharget l-Istqarrija meritu tal-kawza odjerna, kif ukoll estratt ta' uhud mill-kummenti taghha f'tali Press Conference.

2. Rat l-affidavit ta' **Karl Diacono**, Chief Executive Officer ta' Fenlex Corporate Services Limited, ippresentat mir-rikorrenti fit 13 ta' Frar 2017.

3. Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Dr Ann Fenech moghtija fis 6 ta' April 2017.

4. Rat illi fis 6 ta' April 2017 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

5. Semghet x-xhieda in kontro ezami ta' Dr Ann Fenech illi saret fit 23 ta' Ottubru 2017.

6. Semghet ix-xhieda ulterjuri in kontro ezami ta' Dr Ann Fenech illi saret fit 30 ta' Novembru 2017 u rat id-dokumentazzjoni ulterjuri minnha ppresentati.

7. Semghet ix-xhieda ulterjuri u finali in kontro ezami ta' Dr Ann Fenech illi saret fid-29 ta' Jannar 2018.

8. Semghet ix-xhieda ta' **Nigel Vella**, illi kien jokkpa l-kariga ta' Direttur tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista meta nharget l-Istqarrija meritu tal-kawza odjerna, moghtija fid-29 ta' Jannar 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

9. Rat id-dokumentazzjoni ippresentata mill-intimati fit 22 ta' Marzu 2018, ossija Domandi Parlamentari Nru 23360 tas-seduta Nru 362 tad-29 ta' Frar 2016 u Nru 23568 tas-seduta Nru 363 tal-1 ta' Marzu 2016.

10. Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Nigel Vella moghtija fis-7 ta' Mejju 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

11. Rat illi fit 28 ta' Mejju 2018 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresnetaw, u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sottomisjonijiet finali.

12. Rat is-sottomissjonijet tar-rikorrenti ppresentat fit-13 ta' Awissu 2018.

13. Rat illi fl-4 ta' Ottubru 2018 l-konsulent legali ta' l-intimati talab illi jaghmel is-sottomissjonijet b'mod orali.

14. Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli konsulent legali ta' l-intimati, wara lieta trattazzjoni saret il-kontro replika da parte tal-abbli difensur tar-rikorrenti, u sussegwentement il-kawza giet differita ghas-sentenza.

## 3. Konstatazzjonijiet Fattwali

1. Jirrizulta illi r-rikorrenti, li hija Avukat bi professjoni li tispecjalizza fil-qasam tal-Ligi Marittima, kienet ghal zmien tokkupa l-kariga ta' President tal-Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista, liema kariga hija kienet tokkupa meta inharget l-Istqarrija meritu tal-kawza odjerna.

2. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrenti hija wkoll il-Managing Partner tad-ditta ta' Avukati bl-isem ta' Fenech & Fenech Advocates li tipprovdi kemm servizzi legali kif ukoll fost affarjiet, 'Corporate Services', liema servizzi huma pprovduti minn kumpannija ta' l-istess ditta ta' Avukati Fenech & Fenech illi ggib l-isem ta' Fenlex Corporate Services Limited, fejn ir-rikorrenti ghandha sehem f'tali kumpannija flimkien ma' ohrajn.

3. Jirrizulta illi fl-ahhar ta' Frar tas-sena 2016, kienu gew ippubblikati l'hekk imsejha 'Panama Papers' fuq il-mezzi tax-xandir internazzjonali kif ukoll lokali u kien gie allegat f'tali stharrig illi persuni qrib il-Partit Laburista w il-Gvern kellhom, ossija l-Ministru Konrad Mizzi u Keith Schembri kellhom kumpanniji registrati gewwa l-Panama.

4. Jirrizulta illi tali pubblikazzjoni kienu s-suggett ta' hafna diskussjonijet u dibattiti pubblici, inkluz anke protesti pubblici, w il-Partit Nazzjonalista, illi kien il-Partit fl-Opposizzjoni dak iz-zmien, nieda kampanja pubblika ta' protesta bhala rizultat ta' l-informazzjoni illi kienet harget mill hekk imsejha 'Panama Papers' dwar Konrad Mizzi u Keith Schembri.

5. Jirrizulta illi fit-3 ta' Marzu 2016, fil-kariga taghha ta' President tal-Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista, ir-rikorrenti ghamle Konferenza tal-Ahbarijiet gewwa id-Dar Centrali tal-Partit Nazzjoanlista fejn tkellmet dwar l-hekk imsejjah 'Skandlu tal-Panama Papers' w dwar l-agir tal-Gvern tal-gurnata, illi kien immexxi mill-Partit Laburista, w il-Ministri tieghu.

6. Jirrizulta illi ghal dina l-Konferenza tal-Ahbarijiet, kienu presenti gurnalisti lokali, li wara illi ghamlet l-indirizz taghha, ghamlulu varji domandi, u fosthom kien hemm gurnalisti minn mezzi tax-xandir tal-Partit Laburista illi staqsew lir-rikorrent dwar ix-xoghol illi hija kienet inghatat mill-Gvern meta dana kien imexxi mill-Partit Nazzjonalista qabel is-sena 2013, kif ukoll dwar kumpanniji registrati gewwa l-Panama, illi ghalihom ir-rikorrenti irrispondiet.

7. Jirrizulta illi, sussegwentement, dakinhar stess, l-Ufficcju tal-Komunikazjoni tal-Partit Laburista hareg Stqarrija meritu tal-kawza odjerna.

8. Jirrizulta illi r-rikorrenti hassitha malafamata bi tlett assersjonijiet illi saru fil-konfront taghha fl-Istqarrija, li huma s-segwenti:

    - *"... qalet li hija unfair li tkun ikkritikatha minkeja li hadet b'1miliun f'konsulenzi taht il-Gvern l-iehor."*

    - *"L-istess Ann Fenech, li wkoll ikkritikat lill-Gvern fug il-programm ta' Cittadinanza b'investiment, illum qalet li qed tahdem f'dan il-programm ukoll."*

- *Interessanti wkoll li Ann Fenech qalet li kieku hi, tiftag (sic), kif diga' jidher li ghamlet, kumpaniji fil-Panama ghal klijenti taghha.*

9. Jirrizulta illi sussegwentement, ir-rikorrenti niedet l-proceduri odjerni fl-4 ta' Marzu 2016, liema proceduri qed jimxu kontestwalment ma' proceduri ohra fl-istess ismijiet, Rikors Nru 49/16, illi qed jigu decizi llum stess ukoll, uilli din id-darba jirrigwardaw Stqarrija illi saret mill-istess Ufficcjli tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista, din id-darba fis 6 ta' Marzu 2016, u li ghandhom l-istess fatti ta' dawk meritu tal-kawza odjerna.

## 4. Konsiderazzjoni Legali

1. Jirrizulta illi d-difiza ta' l-intimati kienet msejsa fuq zewgt binarji: dik preliminari fejn intqal illi l-intimati la kienu l-awturi u lanqas l-editu tal-Istqarrija, u ghalhekk kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzjua tenur tal-Artikolu 23 (a) u (b) tal-Kap 248; u dik fil-meritu fejn eccepew illi l-pubblikazzjoni kienet kritika politika ta' persunagg politiku fuq kwistjoni fid-dominju pubbliku, accettabbli f'socjeta demokratika u kienet tikkontjeni kummenti li jikkonsistu f'fair comment, accettabbli f'socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija.

2. Jirrizulta illi jkun opportun illi jigu kkunsidrati certi principji legali fuq dawna z-zewgt difizi.

3. Jirrizulta illi, dwar l-eccezzjoni preliminari mqajjem mill-intimati, l-artikolu 23 tal-Kap 248 intitolat Att dwar l-Istampa, illum abolit, kien jghid is-segwenti:

   *L-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l- azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:*

   *(a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;*
   *(b) l-editur;*
   *jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati,*
   *(ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.*

4. Jirrizulta illi, dwar id-difiza ta' '*fair comment*' u kritika politika ammissibbli, fis-sentenza **Ligens vs Austria**, mhaddna mill-Qorti Maltin ukoll, inghad li l-politiku huwa soggett ghall-livell ta' kritika ferm oghla minn-normal, u di fatti, s-sentenza tghid:-

   *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

5. Jirrizulta wkoll illi, kif intqal fil-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Chauvy and Others vs France** deciza fid 29 ta' Gunju 2004,

*Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, this freedom is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.*

6. Kif gie osservat fil-kawza **Delphi AS vs Estonia** deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' Ottubru 2013, id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni jenhtieg illi tigi bilancjata mad-dritt ta' hajja privata, w il-Qorti qalet li gej:

*83. The Court has considered that where the right to freedom of expression is being balanced against the right to respect for private life, the relevant criteria in the balancing exercise include the following elements: contribution to a debate of general interest, how well known the person concerned is, the subject of the report, the prior conduct of the person concerned, the method of obtaining the information and its veracity, the content, form and consequences of the publication, and the severity of the sanction imposed.*

7. Dwar kritika politika, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjoni taghha mhux appellata, ossija, '**Jesmond Mugliette vs Alfred Sant**', fejn ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

*"Din il-Qorti tirrileva wkoll illi wasal il-mument illi tali regola titwessa aktar fis-sens illi meta jkun hemm dibattitu politiku ghaddej bejn politici, tali livell ta' kritika ghadha interpretata f'livell aktar wiesgha minn dak ipprovdut hawn fuq, peress illi d-dibattitu politiku huwa l-pern ta' socjeta demokratika u, ghalhekk ghandha tigi protetta u stimulata minn dina l-Qorti u mhux imxekkla fl-operat taghha."*

8. Dwar '*fair comment*', imbghad, **Gatley on Libel and Slander** jghid:

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

9. Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, intqal is-segwenti :

*... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid*

*ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

10. Tali taghlim huwa anke rifless f'gurisprudenza estera u, di fatti, fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl-1 ta' Dicembru 2010, Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

*A subsidiary but important issue was what it was that a defendant had to prove in order to establish the defence of fair comment. Counsel for the plaintiff submitted that the defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

11. L-istess intqal mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fejn, fis-sentenza **Ruokanen and Others v Finland** deciza fl-4 ta' Ottubru, 2010, fejn qalet is-segwenti:

*"41. One factor of particular importance is the distinction between statements of fact and value judgments. While the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. A requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10. However, even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive where there is no factual basis to support it."*

## 5. Konsiderazzjonijiet Finali

1. Jirrizulta illi, dwar l-eccezzjoni preliminari, ghalkemm l-istqarrija tindika illi fina inharget mill-Ufficju tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista, ma hemm ebda referenza dwar min attwalment personalment kiteb tali stqarrija u ma setax jigi facilment identifikat min attwalment kien l-awtur u/jew l-editur taghha, bir-rizultat illi l-persuni responsabbli ghal tali pubblikazzjoni huma l-persuni illi jirrappresentaw lill-Partit Laburista, ossija il-Mexxej taghha, Dr Joseph Muscat, w il-President taghha ta' dak iz-zmien, il-Perit Daniel Micallef.

2. Jirrizulta, ghalhekk, illi sakemm ma hemmx indikazzjoni cara dwar min huwa l-awtur tal-pubblikazzjoni, l-eccezzjoni preliminari imqajjma mill-intimati ma ghandhiex bazi legali.

3. Jirrizulta, fuq il-meritu, illi l-Istqarrija mahruga mill-Ufficcju tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista tat-3 ta' Marzu 2016 taghmel referenza, tul l-istarrija kollha, ghar-rikorrenti, fil-kapacita' personali taghha u bhala indivdwu, u f'ebda mument ma qatt issir referenza ghad-

ditta ta' avukati illi fiha tipprattika r-rikorrenti jew inkella l-kumpanniji illi ghandha r-rikorrenti fil-professjoni taghhha ta' Avukat.

4. Jirrizulta wkoll illi tali stqarrija taghmel asserzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent personalment u tattribwixxi lir-rikorrenti personalment is-segwenti:

   - Illi hija hadet b'miljun Euro f'konsulenzi taht il-Gvern precedenti ossija qabel dak imexxi mill-Partit Laburista;
   - Illi hija tahdem fuq il-programm ta' Cittadinanza b'Investiment;
   - Illi hija fethem kumpanniji fil-Panama ghal klijenti taghha.

5. Jirrizulta illi min irrediga l-Istqarrija imkien ma semma illi r-rikorrenti tifforma parti minn ditta ta' avukat u/jew illi r-rikorrenti ghandha kumpannija illi tipprovdi servizzi lill-klijenti taghha w tad-ditta ta' avukati illi taghha hija tiffforma parti.

6. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi Nigel Vella, li kien il-persuna li gabar l-informazzjoni mehtiega sabiex eventwalment tinhareg tali Stqarrija, in vista tal-funzjoni tieghu, dak iz-zmien, bhala Direttur tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista, ippresenta dokumentazzjoni li juru bic-car illi l-flejjes imsemmija fl-istqarrija kienu flejjes imhallsa lill Fenech & Fenech Advocates filwaqt illi x-xoghol ta' Cittadinanza b'Investiment w xoghol ta' ftuh u amministrazzjoni ta' kumpanniji fil-Panama kien isir mid-ditta Fenlex.

7. Jirrizulta, ghalhekk, a differenza ta' dak allegat fl-Istqarrija meritu tal-kawza odjerna, ir-rikorrent "personalment" ma rcevietx b'miljun Euro f'konsulenzi u ma thadimx fuq il-programm ta' Cittadinanza b'Investiment jew fethem kumpanniji fil-Panama.

8. Jirrizulta illi, madanakollu, min kiteb l-Istqarrija, kien ben a korrent ta' tali fatt, stante illi r-ricerki maghmulha wrew bic-car min kien thallas ghas-servizzi u/jew min kien qed jahdem fl-oqsma fuq imsemmija, li certament ma kienux r-rikorrenti personalment, izda kienu d-ditta tal-Avukati li fiha hija tahdem u l-kumpannija li hemm fi hdan tali ditta ta' Avukati, u l-awtur ghazel illi jevita milli jsemmi tali dettall.

9. Il-Qorti ma tistax ma' tosservax illi min rrediga l-Istatement seta facilment jghid illi tali flejjes u xogholijiet kienu qed isiru mid-ditta tal-Avukati u l-kumpannija ta' l-istess ditta, fejn hija Partner flimkien ma' Avukati ohra, izda ghazel li ma jaghtix tali informazzjoni, presumibbilment bil-ghan illi jaghti x'jifhem li kienet ir-rikorrenti "personalment" illi irceviet miljun Euro fi flejjes ghal servizzi resi u kienet "personalment" fethet kumpanniji fil-Panama.

10. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ghalkemm huwa minnu illi persuna li tkun involuta fil-qasam politika hija suggetta ghal livell ta' kritika oghla minn-normal, u filwaqt illi huwa minnu wkoll illi f'socjeta demokratika, bhalma hija dik Maltija, ghandha tkun accettabbli illi ssir kritika politika, anke possibbilment harxa, dwar agir ta' persuna fil-politika, bhalma del resto kienet ir-rikorrenti dak iz-zmien, dana ma jfissirx illi tali kummenti jistghu isiru a skapitu tal-verita' u jsiru allegazzjonijiet inkorretti u zbaljati dwar azzjoni ta' persuna, aktar u aktar meta l-informazzjoni il-korretta tkun fil-pussess ta' min qed jaghmel l-allegazzjoni izda tkun giet intenzjonalment injorata u mhux imsemmija, u dana sabiex tigi oskurata persuna politika.

11. Il-Qorti ma tistax ma tadottax, anke fil-kaz odjern, dak illi gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id-dritt.*

12. Finalment, il-Qorti thoss illi ghandha tapplika wkoll ghal dikjarazzjonijet maghmulha mill-Partiti Politici dak li gie osservat wkoll fil-konfront ta' gurnalisti fil-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Ingineer Anthony Bezzina vs Josef Caruana**' deciza fl-10 ta' Marzu 2017, fejn qalet is-segwenti:

> *Filwaqt li gurnalist ghandu kull jedd u anzi dmir li jirrapporta grajjiet ta' interess pubbliku, pero' ghandu jaqdi dmirijietu in bona fede u m'ghandux jedd jakkuza persuna b'fatti li ma jkunux veri. Id-dritt tal-liberta ta' espressjoni mhuwiex dak li tivvinta .*

13. Il-Qorti tosserva illi partit politiku w l-Ufficjali tieghu ghandu jkollhom dejjem id-dritt illi jaghmlu kummenti poltici dwar persunaggi politici fuq kwistjonijiet illi jkunu fid-dominju pubbliku, izda dana ma jfissirx illi ghandhom ikollhom id-dritt illi jivvintaw u jallegaw agir fuq persuna illi ma huwiex minnu sabiex jottjenu vantagg politiku.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonjiet u semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Wara illi ghamlet il-konsiderazzjonjiet kollha taghha kif fuq spjegat,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati,

**Tilqa** t-talba tar-rikorrent kif dedotti u

**Tiddikjara** il-kontenut ta' l-Istqarrija ppublikata fit 3 ta' Marzu 2016 intitolata "Ann Fenech hadet b'€1miljun f'konsulenzi imma unfair li tikkritikaha" bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk,

**Tikkundanna** lill-intimati, bhala il-persuni responsabbli ghall-pubblikazzjoni tal-Partit Laburista ihallsu lir-rikorrenti is-somma komplessiva ta' elfejn Euro (€2,000) in linea ta' danni sofferti minnu rizultat tal-pubblikazzjoni ta' l-istorja fuq imsemmija.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a kariku ta' l-intimati

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur